# Ħarsa Lejn il-Parroċċa tal-Qrendi fl-1859



*minn Tony Terribile*
*Sliema, 7.7.98*

Fis-snin li għaddew rajna l-kummenti li għamlu xi isqfijiet ta' Malta meta dawn żaru l-Knisja parrokkjali tal-Qrendi matul il-visti pastorali tagħhom. Din is-sena se naraw dak li ħallielna l-Isqof Gaetano Pace Forno meta fl-1859 żar il-Parroċċa tal-Qrendi.

Din il-vista hi xi ftit differenti mill-oħrajn, għarraġuni illi fiha, l-informazzjoni li ta l-Isqof hi marbuta mal-legati u l-prokuri li kellha f'idejha din il-Parroċċa.

Il-legati msemmija kellhom kollha dmirijiet marbuta magħhom. Il-biċċa l-kbira dawn id-dmirjiet kienu marbuta ma' ċelebrazzjonijiet ta' quddiesa.

Ir-responsabbiltà ta' dawn il-legati kienet fdata f'idejn il-Veneranda Lampade. L-uffiċjali ta' din il-kumpanija kellhom id-dmir sagrosant li jaraw li dawn l-obbligi jiġu mħarsa sewwa.

Bosta minn dawn il-legati ġew irrappurtati hawnhekk sa l-inqas dettal tagħhom, iżda oħrajn le, anzi huma xotti ħafna, nieqsa mit-tagħrif bħal m'hu dak imħolli minn Beneditt u Imperia Camilleri.

Il-legat imħolli minn Vincenz Spiteri kien marbut maċ-ċelebrazzjoni ta' quddies lett fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi u wkoll mat-tqassim ta' flus f'karità lill-foqra. Għal dan il-għan Vincenzo Spiteri ħalla biċċa art fil-Qrendi magħrufa bħala "Tal-Ħnejja".

Biċċa art oħra'l barra mir-raħal, li ġiet imħollija b'legat lil Veneranda Lampade, kienet dik magħrufa bħala "Ta' Barabba", imħollija minn Mattew Farrugia.

Diġà semmejna lil Imperia Farrugia u t-tielet legat li niltaqgħu miegħu f'din il-ġabra, tħalla wkoll minn din il-mara. Għal dan il-għan, hi ħalliet biċċa art, mhux ħażin fid-daqs tagħha, u li kienet magħrufa bħala "Tal-Bajada".

Il-Veneranda Lampade kellha wkoll f'idejha l-qima u d-devozzjoni tal-Madonna tal-Bon Kunsill f'din il-parroċċa, kemm hu hekk Dun Ġużeppi Borg ħalla legat biex din il-festa tiġi ċċelebrata b'quddiesa kantata u bil-paniġierku. Dan il-legat kien marbut ma' proprjetà magħrufa bħala "Tad-Dar ix-Xagħra". Dan l-istess legat kien ukoll jaħseb biex kull sentejn jitħallas kors ta' eżerċizzji spiritwali li jsir matul ir-Randan f'din il-Parroċċa.

Interessanti kien ukoll il-legat Mizzi. Mid-dehra dan kien l-aktar wieħed li kellu dħul. Kien twaqqaf mill-kappillan tal-Qrendi Dun Anton Mizzi flimkien ma' ħutu Dun Pietru Pawl, Katerina u Amata.

Il-legat kien marbut ma' żewġt idjar u ħanut fi Strada Toro Bormla u dar iżgħar fi sqaq l-istess triq.

Dan il-legat kien jaħseb għal quddiesa kantata nhar il-festa tal-Purifikazzjoni tal-Madonna, għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-uffiċjatura fi tlett ijiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, għal quddiesa nhar Sibt il-Għid u oħra għal matul l-ottava tal-festa ta' Santa Marija.

F'din il-ġabra ta' legati, wieħed jinduna li bosta minn dawn il-legati huma marbuta ma' proprjetà ta' art, iżda mbagħad insibu oħrajn marbuta ma' somma flus. Hekk kienu l-legati mħollija minn Pawlu Balzan li kien ħalla mitt skud, Pawlu Debrincat kien ħalla mija u ħamsin skud u oħrajn imħollija minn Rożа Spiteri, Francesco Camenzuli u Marija Camilleri. Dawn iżda kellhom l-istess obbligi bħal oħrajn bħal ma kienu l-obbligi ta' Maddalena Camilleri li riedet li t-tliet quddisiet marbuta mal-legat tagħha kellhom jiġu ċċelebrati fit-tlett ijiem ta' wara l-Għid il-Kbir.

Skond dan ir-rapport joħroġ ċar li l-Veneranda Lampade kellha wkoll f'idejha r-responsabbiltà ta' bosta obbligi oħrajn. Kienet hi li tieħu ħsieb biex fil-parroċċa tal-Qrendi tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Mikiel Arkanġlu, ta' *Corpus Domini* u ta' Santa Luċija. Dawn kienu jiġu ċċelebrati bil-kant ta' l-Għasar u bil-quddiesa kantata. Għall-ispejjeż kienu ħasbu żewġ qassisin, Dun Ġwann Barbara u Dun Ġwann Zammit.

F'idejn l-istess kumpanija nsibu l-prokuri magħrufa b'ċertu ismijiet bħal ma' kienu dawk "Ta' l-Erwieħ" li din kienet twaqqfet minn Mattew Farrugia.

Legat ieħor kien magħruf bħala "Tal-Karmnu". Dan kien twaqqaf minn Marija Formosa u kien marbut maċ-ċelebrazzjoni ta' quddies f'kull 25 tax-xahar u quddiesa bil-paniġierku nhar is-16 ta' Lulju, festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Prokura oħra interessanti fi ħdan il-Veneranda Lampade kienet dik magħrufa bħala "Ta' l-Agunija". Il-legati marbuta ma' din il-prokura kienu jaħsbu għaċ-ċelebrazzjoni ta' sitt quddisiet kull nhar ta' Ġimgħa, għaċ-ċelebrazzjoni taż-żewġ festi tas-Salib f'Mejju u f'Settembru, għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ottava ta' Corpus, ta' San Alwiġi Conzaga u ċ-ċelebrazzjoni ta' quddies b'suffraġju tal-fratelli mejtin.

L-istess Veneranda Lampade kellha wkoll f'idejha l-legati (għalkemm ftit) marbuta mal-knejjes ta' San Mattew u tal-Ħniena.

Din il-ġabra ta' informazzjoni li tmur lura kważi mija u erbgħin sena, hija l-isbaħ xhieda kemm mill-imgħoddi n-nies tal-Qrendi kellhom imħabba speċjali lejn il-Parroċċa u kemm il-mexxejja tagħhom kienu fdati min-nies tar-raħal.